

Brussell, 21 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5494/21

SOC 25  
EMPL 16  
SAN 24

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Iżvezja

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Iżvezja.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL  
ta'  
li tissostitwixxi membru supplenti  
tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003<sup>1</sup> li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019<sup>2</sup>, il-15 ta' April 2019<sup>3</sup>, l-14 ta' Mejju 2019<sup>4</sup>, is-27 ta' Mejju 2019<sup>5</sup> u t-8 ta' Lulju 2019<sup>6</sup> il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2022.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Victoria DIPPEL, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Iżvezja nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

- 
- <sup>1</sup> ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
  - <sup>2</sup> ĠU C 100, 15.3.2019, p. 1.
  - <sup>3</sup> ĠU C 142, 23.4.2019, p. 20.
  - <sup>4</sup> ĠU C 167, 16.5.2019, p. 2.
  - <sup>5</sup> ĠU C 185, 29.5.2019, p. 3.
  - <sup>6</sup> ĠU C 232, 10.7.2019, p. 1.

## Artikolu 1

Is-Sa Viktoria BERGSTRÖM hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Victoria DIPPEL, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2022.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President

---